# 175 Sena Fostna
## [1842 - 2017]



2017... sena speċjali għal kull min hu devot tal-Madonna tal-Karmnu għaliex matulha se nkunu qed infakkru bil-kbir il-175 sena anniversarju minn meta l-vara artistika u devota tal-Madonna tal-Karmnu waslet fir-raħal tagħna ż-Żurrieq.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fir-raħal tagħna tmur lura żgur sal-1630 meta diġà kien hemm artal iddedikat lir-Reġina tal-Karmelu fil-knisja prinċipali ta' raħalna. It-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu kien pass kbir 'il quddiem fit-tixrid ta' din id-devozzjoni.

Matul is-seklu dsatax f'Malta kien hawn fervur kbir biex isiru vari biex jinġarru fil-purċissjonijiet, li sa dak iż-żmien, ħafna minnhom kienu jsiru biss bir-relikwija. Missirijietna ma baqgħux lura u qabbdu lill-marmista Mastru Salvatore Psaila – li kien kiseb suċċess kbir bl-esekuzzjoni tal-vara imponenti ta' Santa Liena għall-Kolleġġjata ta' Birkirkara – biex jonqox xbieha ta' Ommna Marija Santissma.

Mastru Psaila ma ddiżżappuntahomx u f'Lulju tas-sena 1842 lesta xbieha li saħħret lil kull min raHa, hekk kif għadHa ssaħħar lil kull min iħares lejHa sal-ġurnata mqaddsa tal-lum. Biex dan l-anniversarju importanti jitfakkar b'mod xieraq, il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu ħejjiet programm ta' attivitajiet li bdew mad-dħul tal-purċissjoni 2016, fejn inxtegħlet il-fjamma ta' mħabba lejn il-Madonna u żżanżan l-innu tal-okkażjoni, kliem tas-Sur Alfred Camilleri u mużika tas-Surmast Hermann Farrugia Frantz, *Maestro di Cappella*.

L-attivitajiet jinfirxu matul is-sena kollha. L-aktar attivitajiet li jispikkaw huma l-inawgurazzjoni ta' monument lill-Madonna tal-Karmnu fid-daħla prinċipali taż-Żurrieq; id-dramm li se jinħadem fuq iz-zuntier tal-knisja; il-pellegrinaġġ bil-vara tal-Madonna tal-Karmnu li se jsir nhar il-Ħadd, 16 ta' Lulju 2017 filgħaxija wara l-quddiesa kantata tal-festa liturġika; il-ktieb li se jitratta diversi materji marbuta mal-vara tal-Madonna tal-Karmnu u l-akkademja mużiko-letterarja li se ssir fil-Knisja Arċipretali.

Minn issa nħeġġukom sabiex issegwu l-avviżi li se jingħataw minn żmien għal żmien rigward dawn l-attivitajiet, u oħrajn li se jiġu organizzati fix-xhur li ġejjin. Aħna ċerti mill-koperazzjoni u l-konkorrenza tagħkom sabex b'hekk niżguraw li apparti li jkollna suċċess fl-organizzazzjoni ta' dan l-anniversarju importanti, inkomplu nsaħħu dejjem iżjed id-devozzjoni tagħna lejn l-Omm Tagħna tas-Sema li permezz tal-Labtu dejjem tħarisna mit-tiġrib tal-ħajja.

**Joseph Buhagiar**
*Segretarju*
*Fratellanza Madonna tal-Karmnu – Żurrieq.*